

# Aħbar Tajba

Is 55, 10-11
S 64 (65), 10abċd, 10e-11.12-13.14
Rum 8, 18-23
Mt 13, 1-23

"Dak imbagħad li nżera' f'art tajba huwa dak li jisma' l-kelma u jifhimha;
**u tassew hu jagħmel il-frott; dan jagħmel mija, dak sittin, u l-ieħor tletin."**

Tafu x'inhu kuntrattur? Dan ikun xi ħadd li jieħu ħsieb proġetti kbar ta' bini. Wieħed ikun kuntrattur tajjeb għax jaħseb għal kull ħaġa li jkun hemm bżonn, mhux biss il-bini imma kull servizz li se jkun hemm bżonn. Mela darba kien hemm kuntrattur tajjeb ħafna u li kellu ħafna kuntatti. Kellu xogħol kemm irid. Imma sforz il-ħafna xogħol ittraskura l-familja u fi żmien qasir tilef kollox. Qabad il-vizzju tax-xorb, martu u t-tfal qajla kien jarahom, u anke x-xogħol beda sejjer lura. Insomma, f'kemm ilna ngħidu spiċċa biex falla. Darba hu u miexi waħdu fi triq, fost l-imbarazz li jinġema' mal-ġenb, ra musmar mgħawweġ u msaddad. Dak il-ħin ġieh ħsieb. Beda jqabbel il-musmar mal-ħajja li kien qed jgħix. "Ħajti qisha dan il-musmar mgħawweġ. Mhi tajba għal xejn!". Kif qal hekk ġabar il-musmar u tefgħu fil-but. Imma meta mar id-dar iddeċieda li jieħu ħsieb il-musmar! Iddrittah fil-morsa, xkatlah biex ineħħilu s-sadid u mesħu bi ftit żejt ħalli ma jkomplix jissaddad. Ġabu qisu wieħed ġdid. Imma ma waqafx hemm. "La sewwejt dan il-musmar, min jaf jirnexxilix insewwi ħajti!?" Kien jaf li ma kinitx xi ħaġa faċli, imma ma qatax qalbu. Kellu jagħmel ħafna sagrifiċċji biex jiddritta u jnaddaf ħajtu. Beda mill-vizzju tax-xorb u fl-istess ħin beda jistinka biex jerġa' jibni l-kumpanija tiegħu. Fuq kollox it-tir tiegħu kien li jkun missier tajjeb għal uliedu u raġel denn ta' martu. Biex wasal fejn xtaq kellu jagħmel tliet passi importanti.

L-ewwel pass kien f'moħħu meta nduna li kien miexi fi triq ħażina. It-tieni pass kien f'qalbu meta ħass li ttraskura l-iktar nies għeżież li kellu f'ħajtu u ddeċieda li jinbidel. It-tielet pass imbagħad kien li jibda jagħmel dak li kien hemm bżonn biex jinbidel.

L-Evanġelju tal-lum ifakkarna li rridu noqogħdu attenti biex ma nitilfux triqitna. Ġesù jirrakkonta storja żgħira li fiha ż-żerriegħa tispiċċa taqa' fi bnadi differenti. Imma għaliex? Xi jrid ifisser b'dan? Ġesù qed jgħidilna li jekk irridu li ż-żerriegħa tal-ħajja tikber, trid taqa' fuq art tajba. Aħna qed nippruvaw inkunu art tajba biex inħallu tassew il-frott? Il-parabbola turina xi jtellifna fil-ħajja: li ma nagħtux kas lin-nies ta' madwarna u dak li jgħidulna, li nagħmluha ma' kumpanija ħażina, jew inkella li mmorru f'postijiet li jistgħu jkunu ta' periklu għalina. Imma jekk nagħtu kas il-messaġġ tal-Evanġelju u nagħmluha ma' nies li jħobbu 'l Alla, aħna wkoll insiru bħal dik l-art tajba li tħalli ħafna frott.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**
XATT, BAĦAR, DGĦAJSA, PARABBOLI, BIDWI, MOGĦDIJA, GĦASAFAR, BLAT, NIXFU, XEWK, ĦONOQHOM, ART, TAJBA, FROTT, WIDNEJN, JISMA'.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GĦ | A | S | F | U | R | F | J | U | R |
| X | W | IE | K | I | M | A | I | M | N |
| P | A | R | A | B | O | X | E | W | K |
| N | I | X | F | D | GĦ | A | J | S | A |
| I | P | A | R | GĦ | D | T | I | W | Ħ |
| T | A | R | T | A | I | T | S | I | O |
| F | R | O | T | J | J | F | M | D | N |
| GĦ | A | S | A | F | A | R | A | N | O |
| M | B | I | D | W | I | O | Ġ | E | Q |
| N | B | A | Ħ | A | R | T | E | J | H |
| S | O | T | R | J | A | T | N | N | O |
| B | L | A | T | A | J | B | A | L | M |
| N | I | X | F | U | N | I | T | F | A |


FIL-MOGĦDIJA
QALB IL-BLAT
QALB IX-XEWK
F'ART TAJBA

## San Elija



Naħseb smajtu bil-profeta kbir tat-Testment il-Qadim Elija. Kien mexxej importanti għall-poplu Lhudi, wieħed mill-ikbar profeti li ħadem bla waqfien biex jgħin lill-Poplu Lhudi fi żmien meta min kien qed imexxi ried ibegħedhom mill-imħabba ta' Alla. Ma kienx wieħed li jibża' jew jaqta' qalbu għal xejn. Għadda minn ħafna esperjenzi diffiċli imma waħda mill-agħar kienet meta saħansitra r-reġina bdiet tfittxu biex toqtlu. Hawnhekk Elija ħarab 'il bogħod għax ħassu fil-periklu. Il-biża' qatgħetu ftit minn Alla wkoll, u beda jħossu waħdu. Iżda għalkemm Elija kien qata'qalbu, Alla ma kienx qata' qalbu minn Elija. Bagħatlu anġlu biex jgħinu, u x'ħin reġa' ħa saħħtu, Elija mar ifittex lil Alla. Ħaseb li se jsibu f'xi sinjal ta' qawwa bħalma naqraw fi żmien Mosè, b'nar iħeġġeġ u sinjali oħra ta' qawwa. Imma fl-aħħar Elija jsib lil Alla f'żiffa ħafifa u ħelwa. Elija li kien qatta' l-aħħar snin jitqabad u jiġġieled kontra ħafna għedewwa ta' Alla, induna li Alla kien qed jurih li ma nistgħux niġġieldu biss f'ħajjitna. Għandna bżonn ukoll infittxu l-ħlewwa ta' Alla, li għalkemm ma tidhirx wisq qawwija, tagħmel differenza kbira fil-ħajja ta' min ikollu bżonnha.

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION